Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 87/2016

**AIB Insurance Brokers Limited (appellata)**

**Vs**

**Citadel Insurance plc (appellanti)**

16 ta' Marzu, 2018.

1. L-attrici harrket lill-konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' disat elef mija u erbgha u tletin ewro u tmenin centezmu (€9,134.80), kumpens ghal danni sofferti mill-kumpannija C. Fino & Sons Limited, li thallas mis-socjeta' attrici fir-rigward ta' *claims* li saru fir-rigward ta' poloz ta' assikurazzjoni li nhargu mill-konvenuta bhala *lead co-insurer*.

2. L-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u laqat it-talba tal-attrici. Fis-sentenza tal-20 ta' Frar, 2017 qalet:

*"Il-Qorti tosserva illi ghalkemm is-socjeta' intimata, debitament notifikata ippresentat l-eccezzjonjiet taghha, rappresentant taghha qatt ma deher quddiem dina l-Qorti sabiex jressaq il-provi tas-socjeta intimata u jaghti l-verzjoni taghha tal fatti. Ghalhekk il-Qorti ikollha tistrieh fuq il-provi kif imressqa quddiemha mis-socjeta rikorrenti.*

*B'referenza ghad-difiza mressqa mis-socjeta intimata, il-Qorti tosserva illi s-socjeta rikorrenti ippresentat hdax-il 'discharge form' mahruga mis-socjeta intimata lis-socjeta C Fino & Sons Limited (fol 23 sa 34) fejn l-istess socjeta intimata kienet qieghda taccetta il-claim illi kienet saret lilha mis-socjeta rikorrenti ghan-nom tas-socjeta C Fino & Sons Limited, u abbazi ta' liema accettazzjoni is-socjetajiet tal-assikurazzjonijiet l-ohra, illi kien 'co-insurers' hallsu s-sehem taghhom.*

*Illi ghalhekk hija inverosimili d-difiza principali taghha illi s-socjeta rikorrenti kienet mexxiet dawna l-claims biex takkomoda lis-socjeta C Fino & Sons Limited u sabiex tgharraq bis-socjeta intimata, peress illi jidher car illi dawna l-claims kollha kienet attwalment gew mgharrbla mis-socjeta' intimata, a differenza ta' dak minnhoma allegat, u l-'co insurers' l-ohra lkoll mexxew u hallsu s-sehem taghhom abbazi ta' tali 'Discharge Forms'.*

*Illi jirrizulta, mill-provi prodotti mis-socjeta rikorrenti, illi dawna l-claims gew lkoll accettat mis-socjeta' intimata izda eventwalment mhux onorati fejn kien jirrigwarda l-hlas tas-sehem taghha, u dan ghal ragunijiet illi taf is-socjeta intimata biss u li qatt ma ressqet provi dwarha quddiem dina l-Qorti ghax qatt ma dehert quddiemha.*

*Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex tilqa t-talba attrici".*

3. Permezz ta' rikors prezentat fit-13 ta' Marzu, 2017 il-konvenuta appellat mis-sentenza.

4. L-attrici wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. L-attrici kienet broker li pprokurat polza ta' assikurazzjoni favur il-kumpannija C. Fino & Sons Limited. Poloz li nhargu minn *coinsurers*, fosthom il-kumpannija konvenuta. Matul is-snin 2012 u 2013 il-kumpannija assigurata ghamlet claims taht il-poloz. Jirrizulta li l-*claims* gew onorati mill-*coinsurers* bl-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta. Dan wassal sabiex l-attrici hallset lil C. Fino & Sons Limited u issa qeghda tippretendi l-hlas minghand il-konvenuta. B'kuntratt tad-9 ta' April, 2015 (fol. 4) C. Fino & Sons Limited gie miftiehem:

   *"2.1 The Assignor hereby assigns to the Assignee, which accepts and acquires, the Outstanding Amount for the consideration of EURO 9,134.80 together with all the corresponding accessory rights, including any right of action, against Citadel aw well as any interest in respect of the Outstanding Amount"*.

   Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fid-29 ta' April, 2015 l-attrici ghamlet nfurmat lill-konvenuta bic-cessjoni.

6. Il-konvenuta ma ressqitx provi.

7. **<u>L-ewwel aggravju</u>**.

   7.1 Il-konvenuta tilmenta li ma nghatatx l-opportunita sabiex tressaq il-provi.
   7.2 Mill-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru, 2016 jirrizulta li l-attrici ddikjarat li m'ghandix iktar provi. F'dik is-seduta hadd ma deher ghall-konvenuta. Il-kawza giet differita ghas-seduta tat-13 ta' Frar, 2017 fil-11.30 ghall-provi tal-konvenuta, *"bl-intiza cara li jekk jerga' ma jidher hadd mill-intimati, il-provi jigu dikjarati maghluqa"*.
   7.3 Ghas-seduta tat-13 ta' Frar, 2017 rega' ma deher hadd ghall-konvenuta u l-qorti ddikjarat li l-provi tal-konvenuta huma maghluqa. Dakinhar saret trattazzjoni u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-20 ta' Frar, 2017. Fis-seduta ta' wara nghatat is-sentenza.
   7.4 Il-konvenuta altru milli kellha l-opportunita; li tressaq il-provi. Ladarba ma haditx l-opportunita li tressaq il-provi, m'ghandix jedd tilmenta. L-opportunita' ma tfissirx li l-parti tinghata bosta differimenti. Il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) huma min-natura taghhom sommarji.
   7.5 Qabel is-seduta tat-13 ta' Frar, 2017 id-differiment kien ilu li nghata kwazi xahrejn u nofs qabel. Altru milli l-konvenuta kellha bizzejjed zmien sabiex tipprepara ruhha ghal dak li jirrigwarda provi li riedet

tressaq. Ghalhekk hadd m'ghandu dritt jilmenta meta n-nuqqas huwa tieghu stess.

8. **<u>It-tieni aggravju.</u>**

8.1 Il-konvenuta tilmenta li l-qorti ma qiesitx it-tieni eccezzjoni fis-sens li l-attrici kellha taghti prova li C. Fino & Sons Limited kien hallas il-*premium* relattiv sabiex ikun hemm assikurazzjoni skont kif pattwit.

8.2 It-tieni eccezzjoni taqra, *"l-attrici ghandha qabel xejn ghalhekk* ***tipprova l-claim tal-assikurat skont il-ligi****. Fil-fatt il-hlas da parti tal-broker ma hu xejn hlief stratagemma biex minghalihom jevitaw li l-claim jigi mgharbel sew"*.

8.3 It-tieni eccezjoni m'ghandha x'taqsam xejn mal-hlas tal-*premium*.

8.4 F'kull kaz mill-provi rrizulta' wkoll li l-konvenuta kienet harget *discharge forms* fir-rigward tal-*claims*. Probabbilment jekk kellha xi dubju dwar hlas ta' *claims* kienet l-ewwet tindaga u mhux tohrog *discharge forms* li gew iffirmati mir-rapprezentant tal-kumpannija assigurata.

9. **<u>It-tielet aggravju.</u>**

9.1 F'dan l-aggravju l-appellanti argumentat li qalet lill-appellata sabiex ma thallasx, izda xorta hallset.

9.2 Pero' l-attrici ma hallsitx bhala mandatarja tal-kumpannija konvenuta. Ghamlet ftehim indipendenti ma' C. Fino & Sons Ltd.

9.3 F'kull kaz il-konvenuta harget id-*discharge forms* favur l-assigurat. Fatt li fih innifsu hu indikazzjoni ta' accettazzjoni tal-claims tal-assigurat.

9.4 Inoltre', quddiem l-ewwel qorti l-konvenuta ma tatx eccezzjoni li l-*premium* ma thallasx. Appell m'ghandux iservi biex jinghataw eccezzjonijiet godda.

10. **<u>Ir-raba' aggravju.</u>**

10.1 Il-konvenuta m'ghandhiex taghmel tajjeb ghall-claims CIT/AIR/0075 u CIT/AIR/0078 ghaliex l-attrici ma pprezentatx *discharge form*.

10.2 *Discharge Form* ta' CIT/AIR/0075 tinsab a fol. 25. L-ammont hu ta' €511.27. Il-*claim* kienet ghal €1,189. Il-konvenuta kienet qeghda tkopri 43% tal-*claim*. Ghalhekk il-hlas dovut minnha fuq din il-claim hu €511.27 li huwa l-istess ammont li jissemma fid-dokument a fol. 25.

10.3 Hu fatt li ma gietx prezentata d-discharge form ghall-*claim* CIT/AIR/0078. Madankollu mill-provi rrizulta kif l-erba' *co-insurers* l-ohra onoraw din il-*claim*. Ghalhekk probabbilment it-talba ghall-hlas kienet gustifikata.

11. **<u>Il-hames aggravju</u>**.

11.1 Il-konvenuta ma kellix tigi kkundannata thallas imghax ghaliex l-attrici hallset lil C & Fino and Sons minghajr l-ebda prova jekk tali *claim* kinitx valida jew le.

11.2 Il-hrug ta' *discharge form* mill-konvenuta kienet prova fiha nnifisha li l-konvenuta accettat il-*claim*.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.